**10 ta' Lulju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Vella et.

*versus*

Onor. Denis Synge Stephens ne.

**Esproprijazzjoni — "Land Arbitration Board" — Kap. 136 — "The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1959"**

*Il-pretensjoni illi in bażi għad-dispożizzjonijiet ta' "The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1959" il-proċedura quddiem il-Land Arbitration Board għat-trasferiment b'xiri assolut ta' art esproprijata hija illegali, u illi kwalunkwe xiri assolut jew preża ta' pussess ta' artijiet mill-awtorità esproprijanti ma tistgħax issir minn dak il-Bord u bil-kriterji ta' kumpens indikati fil-liġi dwar l-esproprijazzjoni (Kap. 136),*

*imma mill-Qrati Superjuri ta' Malta, bid-dritt ta' appell, u bi ħlas ta' kumpens fuq kriterji diversi minn dawk ta' dik il-liġi, hija bla bażi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premess li fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ġie preżentat, fl-ismijiet "Eric James Thompson, O.B.E. ne. vs. Giuseppe Vella et.", rikors fit-23 ta' Frar 1961 (dok. A), li bih ir-rikorrenti nomine talab li l-intimati kollha jiġu kundannati jittrasferixxu lilu b'xiri assolut l-utili dominju temporaneu għar-rimanenti 43 sena tal-fondi hemm deskritti, billi jiġi fissat il-kumpens ġust u ekwu, u dan taħt il-provvedimenti li jgħoġbu jagħti l-Bord għall-fini tal-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta; u premess li l-atturi għandhom interess, sija bħala utilisti u sija bħala ċittadini ta' dawn il-Gżejjer, li jattakkaw il-legalità ta' dik il-proċedura, peress li ebda proprjetà jew dritt fuq proprjetà ma għandha tittieħed pussess tagħha jew b'xiri assolut b'mod obligatorju jekk mhux skond id-dispożizzjonijiet numri 51 u 52 tal-"The Malta (Constitution) Order-in-Council 1959", u bl-adattamenti u modifiki li jistgħu jkunu meħtieġa biex il-liġi attwali, Kapitolu 136, tinġieb konformi għad-dispożizzjonijiet tal-istess Order-in-Council, fosthom dawk li kull persuna jkollha dritt ta' kumpens xieraq, u sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' kumpens ikollha dritt tadixxi l-Qrati Superjuri ta' Malta, bid-dritt ta' appell mogħti lill-partijiet mill-Proċedura Ċivili fl-istess Qrati Superjuri bħala Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja; u peress li l-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet mhuwiex Qorti Superjuri fis-sens tal-liġi; u inoltre, mid-deliberazzjonijiet tiegħu ("awards") ebda appell ma kien konċess qabel il-promulgazzjoni tal-imsemmija Kostituzzjoni; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbu li jiġi dikjarat u deċiż li l-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta ġie reż inoperattiv f'dawk id-dispożizzjonijiet u f'dik il-proċedura maħsuba fl-imsemmija artikoli 51 u 52 taċ-ċitat Order-in-Council u li għalhekk kwalunkwe xiri assolut jew preża ta' pussess ta' artijiet tista' ssir biss fit-termini tal-istess Order-in-Council, u konsegwentement mhux mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kif il-lum kostitwit, kif regolat mill-Kap. 136, bla ebda adattament jew modifika ordnata

bl-imsemmi Order-in-Council. Bl-ispejjeż. Il-konvenuti huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuti opponew illi t-talba tal-atturi hija nfondata fil-liġi, u illi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż; illi, infatti, il-liġijiet ta' esproprijazzjoni eżistenti meta ġiet promulgata "The Malta (Constitution) Order-in-Council 1959" huma regolati missection 51(2)(a) tal-istess Order-in-Council, fejn jingħad:— "Nothing in this section shall affect the operation of any existing law"; hija din norma ta' natura speċjali, li tipprevali għal dik ta' natura ġenerali kontenuta fis-section 52 ċitata mill-atturi; u illi, del resto, li kieku kellha tiġi akkolta l-pretensjoni tal-atturi, l-imsemmija section 51(2)(a) tkun superfluwa, kontra kull regola tal-ermenewtika legali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Lulju 1961, li biha t-talba tal-atturi ġiet miċħuda, bl-ispejjeż; wara li l-Qorti kkunsidrat;

Mhux kontestat mill-konvenuti illi quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet hemm pendenti rikors flismijiet "Eric James Thompson, O.B.E. ne. vs. Giuseppe Vella et." għall-kundanna tal-intimati għat-trasferiment lir-rikorrenti tal-fondi deskritti fl-istess rikors, għall-finijiet tal-Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta;

Hu premess illi b'digriet tat-30 ta' Ġunju 1961, in vista tal-preżenti ċitazzjoni, preżentata fit-28 ta' Ġunju 1961, dak il-Bord issoprassjeda r-rikors sakemm din il-kawża tkun deċiża b'sentenza finali;

L-atturi b'din il-kawża qegħdin jattakkaw bħala illegali l-proċedura tar-rikorrenti quddiem il-Bord fuq riferit għat-trasferiment mitlub, billi jirritjenu, kif amplifikaw fit-trattazzjoni orali tal-kawża, illi, in bażi għall-art. 51 u 52 ta' "The Malta (Constitution) Order-in-Council 1959", kwalunkwe xiri assolut jew preża ta' pussess ta' artijiet, ma tistgħax issir mill-Bord u bil-kriterji ta' kumpens indikati fil-Kap. 136 tal-Liġijiet, imma mill-Qrati Superjuri ta'

Malta, bid-dritt ta' appell, u bi-ħlas ta' kumpens adegwat fuq kriterji diversi minn dawk tal-Kap. 136;

"The Malta (Constitution) Order-in-Council 1959", li f'din is-sentenza ser jiġi ndikat bħala "l-Order", jiddisponi, fil-klawsoli 51 u 52, Part VIII, Miscellaneous, kif ser jingħad:— "51 (1). No property, movable or immovable, shall be taken possession of compulsorily, and no right over or interest in any such property, shall be acquired compulsorily in Malta, except by or under the provisions of a law which of itself, or when read with any other law in force in Malta, (a) requires the payment of adequate compensation therefor; (b) gives to any person claiming such compensation a right of access, for the determination of his interest in the property and the amount of compensation, to the Superior Courts of Malta; (c) gives to any party to proceedings in the Superior Courts of Malta relating to such a claim the same rights of appeal as are accorded generally to parties to civil proceedings in those Courts as Courts of original jurisdiction;

(2) (a). Nothing in this section shall affect the operation of any existing law. (b) In this subsection, 'existing law' means a law made law as aforesaid (or such a law as from time to time amended or replaced in the manner described in this paragraph), and which does not (i) add to the kinds of property that may be taken possession of or the rights over and interest in property that may be acquired; (ii) add to the purposes for which or circumstances in which such property may be taken possession of or acquired; (iii) make the conditions governing entitlement to compensation or the amount therefor in the property or (iv) deprive any person of any right such as is mentioned in paragraph (b) or paragraph (c) of the last foregoing subsection . . . . ."

"(4). The provisions of this section shall apply to the compulsory taking of possession of property and the compulsory acquisition of rights over and interest in property by or on behalf of the Crown;

"52. All laws and other instruments having the force

of law which are in force (other than those revoked by section 3 of this Order) shall, subject to amendment or repeal by the competent authority, continue in force; but shall be construed with any adaptations and modifications that may be necessary to bring them into conformity with the provisions of this Order";

Dan l-Order, skond il-klawsola 1(2) tiegħu stess, beda jopera fil-15 ta' April 1959;

Il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet huwa l-Ordinanza XI tal-1935 (8th October, 1935), u kien in vigore meta l-Order beda jseħħ;

Skond dik l-Ordinanza, l-awtorità kompetenti tista' takkwista għal "public purpose", kif indikat fl-art. 2, artijiet — "lands" — fis-sens speċifikat fl-istess artikolu. Bl-art. 21 ta' dik il-liġi ġie istitwit il-"Land Arbitration Board", bil-poteri ndikati fl-art. 23. Ma jingħatax appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord dwar il-materji ndikati fl-istess art. 23, fosthom il-likwidazzjoni tal-kumpens għall-akkwist tal-art. Però, skond l-art. 24, kull kwistjoni oħra li ma tidħolx fil-kompetenza tal-Bord taħt l-art. 23 tal-Ordinanza, u li toħroġ mill-proċediment, għandha tkun miċ-Chairman riżervata għad-deċiżjoni minnu sedenti bħala Imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u f'dawn il-każijiet jiġu japplikaw il-liġijiet tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Fl-art. 25 hemm stabbilit r-regoli għal-likwidazzjoni tal-kumpens;

Ikkunsidrat;

Il-Kap. 136, jew l-Ordinanza riferita huwa liġi speċjali għall-akkwist forzus ta' "lands" kif definiti fl-istess liġi, u konsegwentement dik il-liġi ma tapplikax għall-akkwisti forzusi li ma jkunux "lands". Hekk, fin-nuqqas ta' liġi oħra partikulari, akkwisti ta' natura diversa minn "lands" huma regolati bl-art. 358 tal-Kodiċi Ċivili, u jistgħu jiffurmaw materja ta' ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qrati Superjuri, kompriżi dik tal-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-tieni istanza. Hekk l-istess Qorti tal-Appell irriteniet fil-

kawża "Said et. vs. Mifsud Bonnici, M.B.E. ne.", deċiża fis-26 ta' Novembru 1956, illi fil-każ ta' azjenda kummerċjali għandu japplika l-imsemmi art. 358 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux il-Kap. 136 tal-Liġijiet;

Għalkemm il-klawsola 51(1) tal-Order tiddisponi illi l-esproprjazzjoni tista' ssir biss b'liġi li tagħti kumpens adegwat, u anki aċċess lill-esproprijat għal dawn il-Qrati Superjuri għad-determinazzjoni tal-interess tiegħu fil-proprijetà u tal-ammont tal-kumpens, bid-dritt tal-appell lill-partijiet kif hu ġeneralment mogħti lill-partijiet fi proċeduri ċivili f'dawn il-Qrati bħala Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja, fl-istess ħin dik il-klawsola, fis-subsezzjoni 2(a), iddisponiet illi, b'dan kollu, "nothing in this section shall affect the operation of any existing law." Dan ifisser illi xejn minn dak li ntqal qabel fil-klawsola 51(1) ma għandu jeffettwa l-ħdim ta' liġi eżistenti. "Liġi eżistenti" hija mbagħad definita, fis-subklawsola 2(b) bħala liġi "in force on the date of the commencement of this Order", jiġifieri li kienet in vigore fil-15 ta' April 1959, u bħala li tinkludi kull liġi magħmula wara din id-data, li temenda jew tissostitwixxi kull liġi eżistenti f'dik id-data, purkè liġi li tiġi wara ma żżidx ix-xorta tal-ħaġa li tista' tiġi esproprijata, ma żżidx, jew ma testendix, l-iskop jew iċ-ċirkustanzi li għalihom tista' ssir l-esproprijazzjoni, ma tagħmelx il-kondizzjonijiet jew l-ammont tal-kumpens anqas favorevoli għas-sid jew interessat fil-proprijetà esproprijata, ma tipprivax lil min ikun minn xi dritt bħal dak li msemmi fil-paragrafu (b), id-dritt ta' aċċess lil dawn il-Qrati Superjuri, jew dak imsemmi fil-paragrafu (c), id-dritt ta' appell lill-partijiet kif hu ġeneralment mogħti bil-Proċedura Ċivili;

Jidher minn dan illi s-subklawsola (2) tal-klawsola 51 hija ntiża li tippreżerva li-"status quo" tal-liġijiet in vigore meta beda jopera l-Order; u dan b'mod illi dawn ma jiġux in segwitu emendati jew sostitwiti b'liġijiet oħra li jestendu l-iskop tal-esproprijazzjoni ta' dawk il-liġijiet, jew iżidu maċ-ċirkustanzi li fihom l-esproprijazzjoni tista' ssir, jew inaqqsu l-ammont tal-kumpens jew ibiddlu f'anqas favorevoli għall-esproprijat il-kondizzjonijiet tal-kumpens, kif stabbiliti f'dawk il-liġijiet, jew ineħħu xi dritt ta' aċċess lil

dawn il-Qrati Superjuri, jew id-dritt ta' appell lill-partijiet, fejn il-liġijiet hekk eżistenti jagħtu dan l-aċċess u dan l-appell;

Fost dawn il-liġijiet eżistenti hemm il-kap. 136, li fiċ-ċirkustanzi tal-art. 24 tal-istess Kap. jagħti aċċess għall-Qrati Superjuri bid-dritt ta' appell skond il-Proċedura Ċivili; u hemm ukoll il-Kap. 23, jew il-Kodiċi Ċivili, li fl-art. 358 jikkontempla l-esproprijazzjoni għal affarijiet li ma jkunux "lands", u li hekk ma jkunux regolati minn liġi speċjali bħal ma hu l-Kap. 136. F'din l-eventwalità, kull kwistjoni relattiva tkun tidħol fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji, bid-dritt ta' appell skond il-Proċedura Ċivili. Hemm anki l-Kap. 124 tal-Liġijiet, jew l-Ordinanza XXVIII tal-1934, dwar l-Impjanti tas-Sistemi ta' Kommunikazzjoni tal-Elettriku u tat-Telegrafu, fejn fl-art. 5 jingħata aċċess għall-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina għal-likwidazzjoni tal-kumpens f'każ ta' ħsara jew inkonvenjent;

U preċiżament l-istess limitazzjonijiet imposti fl-imsemmija subklawsola 2(b), dwar emendi jew sostituzzjonijiet għal-liġijiet eżistenti, juru, huma stess, kemm bl-espressjoni "nothing in this section shall affect the operation of any existing law", kif definita fl-Order, dak l-Order ried illi l-liġijiet li kienu jseħħu meta l-Order beda jopera, ma jkunux affetti mill-klawsola 51(1). Infatti, il-limitazzjonijiet huma espressi bit-termini "does not add", "to make conditions . . . . . less favourable", "deprive any person of any right such as is mentioned in paragraph (b) or paragraph (b) of the last foregoing subsection," fejn naturalment dan id-dritt, skond il-paragrafu (b), jew skond il-paragrafu (c), huwa diġà mogħti f'liġi imperanti fiż-żmien ta' dħul tal-Order;

Il-klawsola 52 tal-Order, mbagħad, ma timportax, kif issottomettew l-atturi, illi bil-klawsola 51 il-Kapitolu 136 ma baqgħax jopera fl-estensjoni tiegħu kollha minħabba l-inċiżi (a) (b) u (c) tal-klawsola 51(1) u l-klawsola 52;

Skond il-klawsola 52, kull liġi, jew atti li għandhom il-forza ta' liġi, li kienu jseħħu f'Malta immedjatament qabel

id-dħul tal-Order (barra dawk revokati bil-klawsola 3 tal-Order) għandhom, bla ħsara ta' xi emendi jew tħassir, ikomplu jseħħu; imma għandhom jifthemu b'kull adattament jew modifiki li jkunu meħtieġa biex jinġiebu uniformi mad-dispożizzjonijiet tal-Order;

Din il-klawsola 52 hi miġjuba taħt Part III tal-Order taħt it-titolu "Miscellaneous", bil-"marginal note" "Existing Laws". Għar-raġunijiet imsemmija f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Ingilterra, riportati fil-Halsbury, Statutes of England (second edition, Vol. 24, page 142), din in-"note" ma tiffurmax parti mill-Order. Fit-tieni lok, il-frażi "existing law" għandha l-portata ġuridika tagħha proprja fl-inċiż (b) tas-subklawsola (2) tal-klawsola 51 tal-Order;

L-istess Order, fil-klawsola 3, irrevoka l-atti ndikati fl-Ewwel Skeda tal-Order, fosthom "The Malta (Constitution) Letters Patent 1947" u d-diversi emendi tagħha ndikati fl-istess Skeda, kif ukoll "The Malta (Constitution) (Temporary Provisions) Letters Patent 1958". Kien allura meħtieġ illi bil-klawsola 52 jiġi dispost ġenerikament illi dawk il-liġijiet li kienu sejrin jibqgħu jseħħu jiġu miftemin in uniformità tad-dispożizzjonijiet tal-Order. Fost dawn d-dispożizzjonijiet, però, hemm dawk tal-klawsola 51(2), li, kif intqal, toħroġ barra mid-dispożizzjoni tas-subklawsola (1) kull "existing law" kif hemm definita;

Il-klawsola 51 titħaddet speċifikatament fuq esproprijazzjoni, u tirrigwarda liġijiet dwar din il-materja partikulari, u ddisponiet illi xejn minn dak kollu li hemm fis-subklawsola (1) ma għandu jeffettwa l-operattività ta' liġi eżistenti — ovvjament f'dik il-materja — fid-data tad-dħul tal-Order. Il-klawsola 52, inveċe, tipprovdi dwar liġijiet in vigore li għalihom mhux diġà provvdut bil-klawsola 51(2), li ,kif intqal, tikkostitwixxi dispożizzjoni partikulari. Hekk, ma jistgħax jingħad, quddiem l-espressjoni kategorika "nothing in this section shall affect the operation of an existing law", illi l-klawsola 52 immodifikat jew illimitat il portata ġuridika tal-espressjoni "nothing . . . . . shall affect the operation", jew illi bl-istess klawsola t-terminu "operation" ġie limitat fis-sens, kif sostnew l-atturi, li anki għall-"existing law" għandha topera s-subklawsola (1) tal-klaw-

sola 51. L-import ġuridiku ta' dik is-subklawsola 51(2)(a), anki fil-konfronti tal-klawsola 52, huwa illi "existing law", u hekk il-Kap. 136 tal-Liġijiet, għandha tkompli sseħħ, topera u tapplika fl-interezza tagħha kif kostitwita dak inhar tal-bidu tal-funzjonament tal-Order;

B'daqshekk, kif diġà ntqal, ma ssirx inoperattiva l-ewwel parti tal-klawsola 51, kif sostnew l-atturi. Din il-klawsola topera f'liġijiet ta' esproprijazzjoni oħra li eventwalment jistgħu jsiru. Ma għandha ebda rilevanza, għall-finijiet tal-kwistjoni preżenti, l-osservazzjoni tal-atturi illi l-maġġur parti ta' esproprijazzjonijiet hawn Malta jirrigwardaw artijiet, jew li l-Kapitolu 136 ma jagħtix kumpens adegwat għall-esproprijazzjonijiet;

Rat in-nota li biha l-atturi appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi revokata, u jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Dan l-appell ma għandu ebda fondament; u dan jidher mill-istess argumenti miġjubin fil-petizzjoni tal-atturi u l-awtoritajiet hemm ċitati rettament interpretati u applikati gall-każ;

L-ewwelnett, hija konfuża u bla bażi d-deduzzjoni illi l-"Order-in-Council" mhix "enabling law", ċjoè mhix intiża biex tagħti lill-Gvernatur id-dritt li jilleġisla fuq il-"compulsory acquisition of land", għax, kif jingħad fil-petizzjoni, dik il-materja hi definittivament dixxiplinata bl-istess Order-in-Council. Il-verità hi biss illi l-art. 51 tal-Order-in-Council, fl-ewwel subartikolu tiegħu ma jagħmelx ħaġa oħra ħlief jistabbilixxi ċerti prinċipji jew normi li għandhom ikunu osservati fil-liġi li biha jew bis-saħħa tagħha ssir l-esproprijazzjoni forzusa. Fi kliem ieħor, dak is-subartikolu mhux intiż biex hu stess jiddixxiplina l-materja tal-esproprijazzjoni. Din id-dixxiplina ssir b'liġi oħra li, jekk issir taħt dan l-Order-in-Council, issir mill-Gvernatur

bis-saħħa tal-poter li jilleġisla mogħti lilu bl-art. 22; biss, fl-għemil ta' liġi simili għandhom jiġu salvagwardati u nkorporati n-normi stabbiliti fl-imsemmi art. 51(1);

Is-subart. 2 ta' dan l-aħħar artikolu juri b'mod assolutament ċar illi l-ewwel subartikolu jikkontempla l-għemil ta' liġijiet ġodda dwar l-esproprijazzjoni, ċjoè ta' liġijiet li ma kienux eżistenti fid-data li fiha beda jseħħ l-Order-in-Council, fis-sens mogħti bil-kliem "existing law" fil-paragrafu (b) tal-istess subart. (2). Is-seħħ ta' dawn l-"existing laws" ġie "saved", ċjoè sottratt għall-applikazzjoni tas-subart. (1) tal-istess art. 51;

L-ilment tal-appellanti fil-petizzjoni tagħhom, illi b'dan il-mod l-art. 51 (1) "jiġi mwaqqa' għal kollox u magħmul inutili u inapplikabbli", hu bla raġuni. Il-verità hi illi dak l-ewwel subartikolu għandu l-effett tiegħu, iżda dan biss fill-limiti li ried jagħti l-Order-in-Council, ċjoè fill-limiti mposti fiż-żewġ subartikoli ta' wara tal-istess artikolu. L-artikolu kollu jrid jinqara f'daqqa. Ma jistgħax l-ewwel subartikolu jittieħed għalieh waħdu, iżolat miż-żewġ subartikoli l-oħra, li jillimitaw l-applikazzjoni tiegħu. Issa, is-subart. (2) jgħid illi xejn f'dak li hemm fis-subart. (1) ma jaffetta s-seħħ u applikazzjoni ("operation") tal-liġijiet eżistenti, ċjoè, ovvjament, tal-liġijiet eżistenti li għandhom x'jaqsmu ma' esproprijazzjoni. Dan ifisser li dawn il-liġijiet għandhom jibqgħu jseħħu daqs li kieku s-subart. (1) ma sarx;

Hi l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellanti li tneħħi l-effett u t-tifsir tas-subart. (2), u ddaħħal fih distinzjonijiet u limitazzjonijiet li hu ma jagħmelx. Dan hu kjarament kuntrarju għall-awtorità ċitata mill-appellanti stess, fis-sens illi kull kelma f'liġi għandu jkollha effett u sinjifikat, u ma għandiex tiġi meqjusa bħala superfluwa u inutili;

Hawn ma hu ebda każ ta' kliem oskur jew ambigwu li jista' jkollu iżjed minn tifsira waħda. Għall-kuntrarju, il-kliem hu ċar u kategoriku. "Nothing in this section shall affect the operation of any existing law"; ċjoè, dak li hemm fis-subart. (1) ma għandux inaqqas jew jimmodifika, jew

xort'oħra jinfluwixxi b'ebda mod fuq l-operazzjoni tal-liġijiet eżistenti fil-materja ta' espropri jazzjoni;

Għalhekk, il-prinċipju nvokat mill-appellanti, illi "lex posterior derogat priori", ma għandu ebda rilevanza jew applikazzjoni għall-każ preżenti; għaliex l-applikazzjoni tiegħu hi espressament eskluża bil-liġi posterjuri stess li bħala parti minnha nnfisha statwiet illi "il-liġijiet anterjuri għandhom jibqgħu jkollhom l-effett u l-vigur tagħhom kollu';

Il-prinċipju l-ieħor, mbgħad, ukoll invokat mill-appellanti, fis-sens illi l-liġi jew dispożizzjoni speċjali għandha tipprevali fuq dik ġenerali, hu (sa fejn jista' jgħodd għall-każ) distruttiv għal kollox tal-argument stess tal-appellanti. Ma jistgħax legalment ikun hemm dubju illi, fil-konfront tal-art. 52, li hu dispożizzjoni ġenerali, is-subart. (2) tal-art. 51 hija dispożizzjoni speċjali, u għalhekk din tal-aħħar għandha tipprevali;

Waqt illi d-dispożizzjoni ġenerali tgħid illi l-liġijiet in vigore immedjatament qabel beda jseħħ l-Order-in-Council għandhom jibqgħu fis-seħħ, iżda "shall be construed with any adaptations and modifications that may be necessary to bring them into conformity with the provisions of this Order", id-dispożizzjoni speċjali tas-subart. (2) tal-art. 51 tgħid sempliċement illi l-liġijiet eżistenti (dwar espropri-jazzjoni) għandhom jibqgħu jaħdmu, mingħajr ma jagħmel ebda kwalifika, u non ostante dak li hemm fis-subart (1), li għalihom qiesu ma hemmx;

It-teżi tal-appellanti timporta jew li s-sub-art. (2) qiesu ma jeżistix affattu, jew li fih qiesu kien hemm l-istess kliem hawn fuq riportat li hemm fl-art. 52. Il-fatt stess li ż-żewġ dispożizzjonijiet huma konċepiti u espressi bi kliem differenti għandu jfisser, skond l-istess prinċipji nvokati mill-appellanti, illi kull waħda għandha skop għaliha u tifsir differenti;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk miġjubin fis-sen-

tenza appellata, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

U billi l-Qorti jidhrilha illi dan l-appell hu frivolu u vessatorju, tordna li jiġi applikat għall-każ is-subart. 4 tal-art. 221 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15).